Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2087(INI)

13.6.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

Fuq rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar negozjati fuq ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja dwar attivitajiet operattivi mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja (2023/2087(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Tineke Strik

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura
Jan-Christoph Oetjen, Kumitat għall-Affarijiet Barranin

PR_INI_AgreementRecomm

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar negozjati fuq ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja dwar attivitajiet operattivi mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja (2023/2087(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 u l-protokoll addizzjonali tagħha,

– wara li kkunsidra l-Kapitolu V, ir-Regolament 33 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar f'Sitwazzjonijiet ta' Diffikultà: Obbligi u proċeduri,

– wara li kkunsidra l-Kapitolu 5 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu (il-Konvenzjoni SAR) fuq proċeduri operattivi,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) tat-3 ta' Settembru 1953,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"),

– wara li kkunsidra t-TFUE, u b'mod partikolari l-punti (b) u (d) tal-Artikolu 77(2), il-punt (c) tal-Artikolu 79(2), u l-paragrafi (3) u (4) tal-Artikolu 218 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624,[1],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1168 tal-4 ta' Lulju 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja rigward attivitajiet operattivi mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja[2],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2021 dwar il-

[1] ĠU L 295, 14.11.2019, pġ. 1.
[2] ĠU L 181, 7.7.2022, pġ. 18.

mudell ta’ Ftehim dwar l-Istatus kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 fuq il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE)) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (COM(2021)0829),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta’ Mejju 2021 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-politika esterna tal-UE dwar il-migrazzjoni,[3],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-14 ta’ Lulju 2021 tal-Grupp ta’ Ħidma ta’ Skrutinju tal-Frontex tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar l-investigazzjoni ta’ ġbir ta’ informazzjoni dwar il-Frontex u fuq ksur allegat tad-drittijiet fundamentali u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 114(4) u 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

A. billi, skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament 2019/1896, f’ċirkostanzi li jeħtieġu l-iskjerament ta’ timijiet ta’ ġestjoni tal-fruntieri mill-korpi permanenti għal pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jkun hemm ftehim dwar l-istatus konkluż mill-Unjoni ma’ dak il-pajjiż terz abbażi tal-Artikolu 218 TFUE;

B. billi, skont l-Artikolu 73(2) tar-Regolament 2019/1896, meta tikkoopera mal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi, l-Aġenzija għandha taġixxi fil-qafas tal-politika ta’ azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tad-data personali, il-prinċipju ta’ non-refoulement, il-projbizzjoni ta’ detenzjoni arbitrarja u l-projbizzjoni ta’ tortura u trattament jew pieni inumani jew degradanti;

C. billi skont ir-Regolament 2019/1896, li fih il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill jawtorizzaha biex tinnegozja ftehim dwar l-istatus, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali rilevanti għall-oqsma koperti mill-ftehim dwar l-istatus; billi tali valutazzjoni għadha ma twettqitx;

D. billi, skont il-Mudell ta’ Ftehim dwar l-Istatus:

– Il-membri tat-tim tal-Frontex jistgħu, b’mod ġenerali, iwettqu biss kompiti u jeżerċitaw setgħat fit-territorju tal-pajjiż terz taħt struzzjonijiet minn u fil-preżenza tal-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri ta’ dak il-pajjiż, u għandhom jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż terz. kif ukoll il-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik internazzjonali; billi l-awtoritajiet tal-pajjiż terz għandhom joħorġu biss struzzjonijiet li huma konformi mal-pjan operattiv lill-membri tat-tim; billi dan huwa l-uniku qafas operattiv fejn il-persunal tal-UE jopera taħt kmand ta’ stat terz;

[3] ĠU C 15, 12.1.2022, pġ. 70.

– Il-membri tat-tim tal-Frontex igawdu l-immunità mill-ġuriżdizzjoni kriminali tal-pajjiż terz fiċ-ċirkostanzi kollha, u m'għandhomx ikunu soġġetti għal xi forma ta' arrest jew detenzjoni fil-pajjiż terz jew mill-awtoritajiet tiegħu; billi t-tneħħija tal-immunità hija fid-diskrezzjoni tad-Direttur Eżekuttiv jew tal-Istat Membru tad-domiċilju, skont l-istatus tal-membru tat-tim;

E. billi l-Mawritanja m'għandha l-ebda sistema nazzjonali ta'ażil legali fis-seħħ; billi l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) jagħti protezzjoni de facto bil-ħruġ ta' karti u ċertifikati tar-refuġjati fuq il-bażi ta' memorandum mal-awtoritajiet; billi persuni meqjusa ineliġibbli għall-protezzjoni huma deportati strutturalment mill-awtoritajiet mingħajr proċedura ulterjuri; billi dan inkluda deportazzjonijiet ta' nies li l-każijiet tagħhom ma ġewx evalwati mill-UNHCR; billi l-qafas legali attwali tal-Mawritanja ma jippermettix protezzjoni effettiva tan-nisa u t-tfal, jew tal-persuni LGBTIQ+; billi l-attività tal-istess sess hija illegali fil-Mawritanja;

F. billi r-refuġjati u l-migranti fil-Mawritanja kontinwament jiffaċċjaw ksur sistemiku u serju tad-drittijiet tal-bniedem u trattament ħażin bħal refoulement, arresti arbitrarji u detenzjoni, vjolenza (ibbażata fuq is-sess), inklużi każijiet ta' tortura, sfruttament, kundizzjonijiet ta' detenzjoni abbużivi, estorsjoni u serq, u tkeċċijiet kollettivi abbużivi;

G. billi l-Mawritanja abolit formalment l-iskjavitù biss fl-1981, u kienet l-aħħar pajjiż fid-dinja li għamel dan; billi l-iskjavitù ilha kriminalizzata biss mill-2015; billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU kkonkluda fl-2022 li l-pajjiż kien ħa passi sinifikanti iżda l-eżistenza kontinwa ta' skjavitù u prattiki simili għall-iskjavitù, inklużi prattiki ta' xogħol furzat, għadha ta' tħassib u għandha impatt kemm fuq il-migranti kif ukoll fuq iċ-ċittadini tal-Mawritanja;

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-Mawritanja, partikolarment għall-migranti u r-refuġjati, u jqis li l-iskjerament tas-setgħat eżekuttivi tal-Frontex fil-Mawritanja jinvolvi riskju għoli li jsir kompliċi fi ksur serju u x'aktarx persistenti tad-drittijiet fundamentali jew tal-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali;

2. Iqis li jekk il-Mudell ta' Ftehim dwar l-Istatus ma jindirizzax it-tħassib imsemmi hawn fuq, dan jista' jwassal għal lakuni fir-responsabbiltà fil-każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali mwettqa jew mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz u/jew mill-persunal skjerat tal-Frontex;

3. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex:

3.1 Il-Kummissjoni Ewropea

a. tinkludi salvagwardji espliċiti li jippermettu lill-uffiċjali skjerati ma jqisux ordnijiet maħruġa mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz li jikkontradixxu l-obbligi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija li joħorġu mil-liġi tal-UE u dik internazzjonali;

b. tirrevedi d-dispożizzjoni attwali dwar l-immunità mill-prosekuzzjoni kriminali mill-awtoritajiet nazzjonali għall-uffiċjali skjerati, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u sabiex jiġi salvagwardjat id-dritt għal rimedju effettiv għall-individwi kkonċernati;

c. tinkorpora biżżejjed mekkaniżmi interni u esterni għal individwi mhux mill-UE biex jidderieġu l-ilmenti lejn l-Aġenzija, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman tal-UE;

d. tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-awtoritajiet tal-Mawritanja li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali waqt l-operazzjonijiet, inklużi għażliet sodi li jiżguraw ir-responsabbiltà f'każ ta' ksur;

e. twettaq valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali *ex ante* qabel ma tidħol f'negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet dwar l-Istatus, sabiex tkun tista' tikkunsidra bis-sħiħ l-impatt ta' kooperazzjoni potenzjali u tinnegozja s-salvagwardji meħtieġa;

3.2 Il-Frontex

a. jifformalizza r-rwol tal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali (FRO) meta jiddeċiedi jekk għandux iniedi operazzjoni konġunta fil-pajjiż terz kopert mill-Ftehim dwar l-Istatus, u jittratta l-opinjoni tal-FRO bħala vinkolanti;

b. jiżgura li kwalunkwe pjan operattiv li jistabbilixxi operazzjonijiet fit-territorju tal-Mawritanja jkollu

i. jinkorpora mekkaniżmu formali għal persuni (in)direttament affettwati jew li jaġixxu fl-interess pubbliku, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi, biex jindirizzaw ilmenti lill-Aġenzija dwar azzjonijiet ta' persunal skjerat fil-pajjiż terz, u jinkludi dispożizzjonijiet ċari dwar is-segwitu u l-għodod ta' infurzar wara li jitressqu l-ilmenti;

ii. jiżgura preżenza tal-Frontex f'żoni kritiċi fejn x'aktarx iseħħ l-arrest ta' migranti, u jipprevedi li l-FRO u l-Monituri tad-Drittijiet Fundamentali jingħataw aċċess sħiħ għaż-żona operattiva;

iii. jaħdem mill-qrib mal-UNHCR waqt operazzjonijiet fil-Mawritanja sabiex jiġi garantit id-dritt għall-ażil;

c. jadotta linji gwida dwar it-tneħħija obbligatorja tal-immunità għall-persunal skjerat, li jispeċifikaw kif se jiġu ttrattati t-talbiet mill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, kif ukoll li jinkorpora rwol b'saħħtu għall-FRO; jagħmel l-iskjerament ta' uffiċjali permanenti tal-korp kundizzjonali fuq dawn il-linji gwida;

d. jesplora u jistabbilixxi mekkaniżmi għal persuni potenzjalment affettwati mill-azzjoni tal-Aġenzija fit-territorju tal-pajjiż terz biex effettivament ifittxu rimedju permezz ta' korpi esterni, bħall-Ombudsman, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew entità differenti;

e. jipprovdi taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali lill-awtoritajiet bħala komponent ewlieni tal-operazzjonijiet eżekuttivi f'pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward tal-obbligi SAR, u jaħdem fuq it-titjib tas-sistema tal-ażil;

°

° °

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u lill-Gvern tal-Mawritanja.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2019/1896 (ir-Regolament) wessa' b'mod sinifikanti l-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), inklużi l-possibbiltajiet tagħha li taħdem f'pajjiżi terzi. Ir-Regolament jagħti mandat lill-Aġenzija bil-possibbiltà ta' skjerament ta' persunal għal attivitajiet operattivi fit-territorju ta' pajjiż terz li ma jaqsam l-ebda fruntiera komuni ma' Stat Membru tal-UE, sal-punt meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu li huma definiti fil- Regolament.

Sabiex jiġi stabbilit il-qafas legali biex jitwettqu kompiti eżekuttivi fit-territorju ta' pajjiż terz, hija meħtieġa l-konklużjoni tal-hekk imsejjaħ Ftehim dwar l-Istatus. Dan jikkonċerna ftehim internazzjonali bejn l-UE u l-pajjiż terz abbażi tal-Artikolu 218 TFUE. Proċeduralment, il-Kunsill jagħti mandat lill-Kummissjoni Ewropea biex tinnegozja tali ftehim f'isem l-UE, filwaqt li din tal-aħħar hija obbligata skont dan l-artikolu li żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat b'mod sħiħ u immedjat fl-istadji kollha tal-proċedura. Kif stabbilit fl-Artikolu 54(5) tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-Kummissjoni Ewropea se tinnegozja fuq il-bażi tal-hekk imsejjaħ "ftehim dwar l-istatus mudell", stabbilit fil-komunikazzjoni COM(2021)829. Meta n-negozjati jiġu konklużi, il-Parlament Ewropew għandu jintalab jivvota fuq il-ftehim kif innegozjat u jagħti l-kunsens tiegħu qabel ma jkun jista' jidħol fis-seħħ.

Fl-4 ta' Lulju, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1168 awtorizzat lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim dwar l-Istatus mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Frontex fit-territorju tal-Mawritanja. Din id-deċiżjoni kienet akkumpanjata mid-direttiva ta' negozjar, li fiha l-Kunsill esprima li ma ra l-ebda raġuni speċifika biex jidderoga mill-mudell ta' Ftehim dwar l-Istatus, u l-Kummissjoni għalhekk għandha timmira li tippreserva l-essenza tagħha matul in-negozjati. Ittieħdet deċiżjoni simultanja biex jitniedu negozjati mar-Repubblika tas-Senegal.

Fid-9 ta' Frar 2023, il-Kunsill enfasizza l-appoġġ politiku tiegħu għall-isforz ta' esternalizzazzjoni tal-azzjoni tal-Frontex billi ħeġġeġ għall-konklużjoni rapida tan-negozjati dwar Ftehimiet ta' Status ġodda u riveduti fil-konklużjonijiet tiegħu, inkluż mas-Senegal u l-Mawritanja.
Il-Ftehim dwar l-Istatus potenzjali mal-Mawritanja jagħti mandat lill-Frontex għall-ewwel darba fl-eżistenza tagħha biex twettaq mandat eżekuttiv fit-territorju ta' pajjiż terz li ma jkunx fruntiera ma' Stat Membru tal-UE, u lanqas li jinsab ġeografikament fl-Ewropa. Dan il-pass ikollu implikazzjonijiet fundamentalment differenti meta mqabbla mal-azzjonijiet imwettqa taħt il-Ftehimiet dwar l-Istatus attwali.

Il-pajjiżi firmatarji attwali tal-Ftehimiet dwar l-Istatus tal-Frontex jaqsmu l-ambizzjoni li jsiru parti mill-UE fuq medda qasira ta' żmien, li jfisser li huma fil-proċess li jallinjaw l-oqfsa legali tagħhom mal-acquis tal-UE - inkluż dwar id-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, kollha huma partijiet fil-Kunsill tal-Ewropa, u għalhekk huma marbuta mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kuntrarju għall-Mawritanja, dawn il-pajjiżi huma marbuta b'oqfsa li jgħinu biex jissalvagwardjaw l-istandards tad-drittijiet fundamentali tal-UE sa ċertu punt.

Fid-dawl tal-implikazzjonijiet sinifikanti u l-preċedent maħluqa bil-konklużjoni ta' Ftehim dwar l-Istatus tal-Frontex ma' pajjiż terz mhux Ewropew, il-Parlament Ewropew iddeċieda li

jibda proċedura aktar estensiva matul il-proċess ta' negozjar tal-Ftehim dwar l-Istatus, minbarra l-proċedura pjuttost limitata ta' kunsens. Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern - li huwa responsabbli għall-iskrutinju tal-Frontex - ħa d-deċiżjoni li jfassal dan ir-rapport fuq inizjattiva proprja, diġà matul l-istadju tan-negozjati, bil-ħsieb li jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni rigward il-proċess tan-negozjati. Il-kumitat tad-drittijiet tal-bniedem (DROI) se joħroġ opinjoni dwar ir-rapport, minħabba n-natura esterna tal-Ftehim dwar l-Istatus u d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

B'mod proċedurali, ir-Rapporteur sejjaħ żewġ laqgħat ta' Shadow Rapporteur, li fihom il-partijiet interessati ewlenin ġew mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjoni. Fl-ewwel laqgħa, ħadu sehem il-Kummissjoni Ewropea – bħala l-entità tan-negozjar – kif ukoll żewġ riċerkaturi b'kompetenza fid-drittijiet tal-bniedem u l-liġi internazzjonali. Waqt it-tieni laqgħa, ħadu sehem id-Direttur Eżekuttiv tal-Frontex, u rappreżentant mill-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali. L-awtoritajiet tal-Mawritanja ġew mistiedna wkoll, iżda ma pparteċipawx.

Pożizzjoni u sejbiet tar-Rapporteur

L-abbozz tar-rapport jiddeskrivi diversi aspetti tal-mudell tal-Ftehim dwar l-Istatus li potenzjalment jistgħu joħolqu lakuni fir-responsabbiltà fil-każ ta' konklużjoni mal-Mawritanja fuq din il-bażi. Ir-Rapporteur hija tal-opinjoni li d-dispożizzjonijiet relatati mal-immunità fil-mudell ta' ftehim huma wiesgħa żżejjed, u joħolqu riskju sinifikanti li titrawwem l-impunità. Il-fatt li membri tal-korp permanenti ma jistgħux jiġu pproċessati fl-istati membri tad-domiċilju tagħhom huwa element addizzjonali li jikkontribwixxi għall-impunità. Filwaqt li d-Direttur Eżekuttiv ikollu l-possibbiltà li jneħħi l-immunità tal-persunal individwali skont il-mudell ta' ftehim dwar l-istatus, ir-Rapporteur temmen li din il-proċedura mhijiex adegwata bħala sostitut għall-prosekuzzjoni ġudizzjarja, peress li din il-proċedura għandha titwettaq minn korp indipendenti u estern biex tissalvagwardja l-imparzjalità u n-newtralità tal-proċedimenti.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur hija tal-opinjoni li l-immunità essenzjalment għandha tingħata biss bl-akbar kawtela u proporzjonalità, meta jitqiesu l-implikazzjonijiet kbar tagħha għas-sovranità ta' pajjiż u l-possibbiltajiet għal dan il-pajjiż li jżomm lill-individwi responsabbli għal azzjonijiet imwettqa fit-territorju tiegħu. Ir-Rapporteur tqis li, l-immunità mhix meħtieġa u hija sproporzjonata meta jiġu biex jitwettqu kompiti ta' ġestjoni tal-fruntieri Il-fatt li l-mudell ta' ftehim jipprevedi li l-uffiċjali jġorru l-armi tas-servizz u jużaw il-forza jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati mekkaniżmi sodi ta' responsabbiltà.

Barra minn hekk, il-mudell ta' ftehim jipprevedi struttura ta' kmand li fiha l-uffiċjali tal-Mawritanja se jagħtu struzzjonijiet lill-persunal skjerat tal-Frontex. Dan joħloq vojt legali li jqajjem l-inċertezza fir-rigward tar-responsabbiltà legali tal-Aġenzija għall-azzjonijiet imwettqa mill-persunal tagħha taħt operazzjonijiet konġunti, peress li l-Aġenzija ma teżerċitax kontroll effettiv fuq membri tal-persunal skjerati. Dan huwa partikolarment problematiku meta wieħed iqis l-oqfsa legali differenti li l-awtoritajiet tal-Mawritanja u l-Frontex huma marbuta bihom. Ir-Rapporteur tqis li din il-kwistjoni ma ġietx indirizzata biżżejjed mill-Kummissjoni u l-Frontex matul il-proċedura.

Nuqqas ieħor tal-mudell ta' ftehim huwa relatat mal-possibbiltajiet esterni limitati biex jitressqu lmenti, speċjalment peress li ċittadini mhux tal-UE m'għandhomx il-possibbiltà li

jressqu lmenti lill-Ombudsman tal-UE, u l-ġuriżdizzjoni limitata tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE). fuq azzjoni esterna. Konsegwentement, l-Aġenzija u l-Kummissjoni jesploraw kif jespandu dawn il-possibilitajiet, possibbilment bl-involviment tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Ombudsman tal-UE.

F'dak l-isfond, ir-Rapporteur tirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tindirizza b'mod serju n-nuqqasijiet imsemmija qabel matul in-negozjati qabel ma tfittex il-kunsens tal-Parlament Ewropew għall-Ftehim dwar l-Istatus. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tirrakkomanda lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali *ex ante* mingħajr aktar dewmien, sabiex tqis is-sejbiet ta' din il-valutazzjoni. Dan għandu jkun segwit minn monitoraġġ indipendenti mill-Kummissjoni fil-każ tal-kooperazzjoni attwali fuq il-bażi tal-Ftehim dwar l-Istatus, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Parlament fir-rapport tiegħu dwar "Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-politika ta' migrazzjoni esterna tal-UE", kif adottat f' Mejju 2021.

Minbarra n-nuqqasijiet legali, ir-Rapporteur identifikat li s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-Mawritanja hija ta' tħassib fil-każ ta' skjerament tal-Frontex fit-territorju tagħha. Fin-nuqqas ta' sistema legali tal-asil, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) jiddetermina l-eliġibilità għall-asil. Madankollu, individwi mhux meqjusa bħala eliġibbli għall-asil jiġu deportati lejn il-Mali u s-Senegal mill-awtoritajiet mingħajr proċedura ulterjuri. Barra minn hekk, hemm problemi prattiċi relatati mal-aċċess tal-UNHCR għal persuni maqbuda, li joħloq riskju li persuni li jeħtieġu protezzjoni jiġu deportati. Il-migranti u r-refuġjati jkomplu jiffaċċjaw għadd ta' kwistjonijiet oħra, relatati ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u trattament ħażin bħal refoulement, arresti arbitrarji, tortura, detenzjoni, vjolenza (ibbażata fuq is-sess), sfruttament u l-applikazzjoni ta' pieni mogħtija mix-Xarija li huma illegali fl-UE. L-operazzjonijiet tal-Frontex fil-Mawritanja, u taħt l-istrutturi ta' kmand tal-awtoritajiet tal-Mawritanja għalhekk joħolqu riskju sinifikanti li l-persunal skjerat jiġi implikat f'dan il-ksur.

Ir-Rapporteur tirrakkomanda li l-Frontex tikkunsidra bir-reqqa r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament u tikkoopera mill-qrib mal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali (FRO) biex tindirizza l-kwistjonijiet identifikati fir-rapport u tiżgura li tikkonforma mal-obbligi tagħha relatati mad-drittijiet fundamentali. Ir-Rapporteur tistieden ukoll bil-qawwa lill-Aġenzija u lill-FRO biex jivvalutaw bis-serjetà l-fattibbiltà tat-twettiq ta' mandat eżekuttiv mill-Frontex fit-territorju tal-Mawritanja filwaqt li tissodisfa bis-sħiħ l-obbligi tagħha tad-drittijiet fundamentali minquxa mil-liġi tal-Unjoni.